



# L-Aħjar Prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija tal-prassi: Metodoloġija ta' Taħriġ Innovattiv

Tip ta' prassi: L-Aħjar Prassi

Pajjiż: Spanja

April 2014

<b>Titolu tal-prassi</b>	Studju ta' Każ Reali, Żviluppat f'Hein Reali, permezz tal-Użu ta' Vidjokonferenzi
<b>Karatteristiki prinċipali:</b>	<p>Fi <b>Spanja</b>, dan il-metodu ta' tagħlim dirett jista' jitqies bħala sistema ibrida li jibbenfika mill-użu ta' għalliem bħala mistieden speċjali jew ħarrieġ (f'dan il-każ, l-Imħallef il-Qorti) waqt id-diskussjoni tal-istudju ta' każ immexxija mill-għalliem jew ħarrieġ fiċ-ċentru ta' taħriġ.</p> <p>L-ispeċifiċità hija marbuta mal-fatt li l-istudju tal-każ ma huwa xejn ħlief każ reali li qed jitmexxa f'ħin reali f'qorti lokali.</p> <p>L-apprendisti fiċ-ċentru ta' taħriġ huma mogħtija aċċess għas-seduta tal-qorti permezz ta' vidjokonferenza bejn l-iskola u l-Qorti. Isir ammont sinifikanti ta' preparazzjonijiet qabel iseħħi is-smigħ.</p> <p>Fi tmiem is-seduta tal-qorti, issir diskussjoni ġenerali bejn dawk li qed jitħarrġu, "l-għalliema bħala mistieden speċjali" u l-ħarrieġ tal-iskola, anke permezz ta' vidjokonferenza, li tiffoka fuq kwistjonijiet sostantivi u proċedurali mqajjma mill-każ.</p>
<b>Dettalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni</b>	Spanish Judicial School Carretera de Vallvidrera, 43-45 08017 Barcelona Spain Telefawn: + 34 93 4067300 Il-faks: +34 93 406 91 64 Indirizz elettroniku: <a href="mailto:escuela.judicial@cgpj.es">escuela.judicial@cgpj.es</a> Sit elettroniku: <a href="http://www.poderjudicial.es/cgpj">http://www.poderjudicial.es/cgpj</a>

*Kummenti  
oħrajn*

Minkejja li tintuża biss fil-fażi inizjali ta' taħriġ u hija mmirata biss lejn grupp żgħir, din il-possibbiltà tista' tiġi kkunsidrati bħala l-**Aħjar Prassi**. Tirrikjedi ppjanar u tħejjija bir-reqqa, mhux biss fl-għażla ta' każ iżda wkoll fuq il-punti ewlenin li għandhom jiġu diskussi wara seduta, b'kont meħud tal-objettivi pedagoġiċi li kienu ġew stabbiliti. L-istituzzjonijiet tat-taħriġ jistgħu jippruvaw din il-metodoloġija ta' taħriġ jekk ikunu disponibbli r-riżorsi tekniċi meħtieġa u jekk hija permessa t-taħbiż-żebbu diretta ta' seduta tal-qorti skont ir-regoli proċedurali tagħhom.

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi*", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)